MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2791/1999/1

**Paolo Bonnici Limited**

**Vs**

**Delicatessen Products Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ippremettiet illi tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' sitt elef u mitejn u tlieta u ghoxrin lira maltin u erbgha u hamsin centezmu u hames millezmi (Lm6,223.54,5) prezz ta' kwantitajiet varji ta' pasta li s-socjeta' attrici kienet xtrat minghand is-socjeta' konvenuta biex din tinbiegh u tigi kkonsenjata lil terzi mis-socjeta' attrici li pero' regghet giet ritornata lis-socjeta' konvenuta.

Premess illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm regghet hadet lura l-merkanzija in kwistjoni minghand is-socjeta' attrici, naqset li tirrifondilha l-prezz gia mhallas, nonostante diversi interpellazzjonijiet fosthom ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 1999.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef u mitejn u tlieta u ghoxrin lira maltin u erbgha u hamsin centezmu u hames millezmi (Lm6,223.54,5) bilanc minn somma akbar,prezz ta' kwantitajiet varji ta' pasta li s-socjeta' attrici rritornat wara li kienet xtrat u hallset lis-socjeta' konvenuta, li rrifjutat li tirrifondi l-prezz, kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 1999, tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u sekwestru prezentati kontestwalment bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 8B tal-process fejn eccepiet:

1. Illi s-somma mitluba fic-citazzjoni mis-socjeta' attrici mhux dovuta ghax l-istess socjeta' attrici kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' ftehim kummercjali li kien hemm bejn il-kontendenti dwar it-tqassim, distribuzzjoni u biegh tal-prodotti tas-socjeta' konvenuta.

2. Illi il-merkanzija konsenjata lura lis-socjeta' eccipjenti kienet kollha danneggjata tort tas-socjeta' attrici u kienet bla valur u kellha tigi distrutta u ghalhekk is-socjeta' attrici ma ghandha dritt ta' xejn li titlob ir-rimbors tal-valur tal-prodott li hi stess gabet ma jiswa xejn bl-inadempjenza u n-nonkuranza jew traskuragni taghha.

3. Illi s-socjeta' attrici ikkagunat danni ingenti lis-socjeta' eccipjenti u hu proprju ghalhekk li qed tigi prezentata l-infraskritta kontro-talba ghad-danni.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta** a fol 9 fejn ippremettiet:

Illi premess f'Marzu, 1998 il-kontendenti kienu lahqu ftehim kummercjali verbali bejniethom li permezz tieghu s-socjeta' Delicatessen Products Limited kellha tikkoncentra fuq il-produzzjoni ta' prodotti taghha ta' pasta fil-waqt li s-socjeta' Paolo Bonnici Limited kienet dahlet ghax-xoghol ta' tqassim, distribuzzjoni u biegh tal-imsemmija prodotti fis-suq Malti, u dana taht il-pattijiet u kondizzjonijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjonijiet tal-kawza ;

Premess ukoll li s-socjeta' Paolo Bonnici Limited kienet ghamlet certi projections u promessi jew indikazzjonijiet ta' kif kienet ser izzid jekk mhux addirrittura tirdoppja il-biegh tal-prodotti tas-socjeta' istanti, waqt l-ezercizzju tas-sole agency and distribution agreement ;

Premess ukoll li bhala rizultat ta' dan il-ftehim, is-socjeta' istanti kienet smatellat id-distribution system taghha u llicenzjat is-salesmen taghha u inkorriet extra charges biex tippakketti il-prodott taghha ahjar ;

Premess li gara illi l-volum tal-biegh bejn Marzu u Lulju, 1998 f'idejn is-socjeta' Paolo Bonnici Limited waqa' b'tali mod li s-socjeta' istanti giet bla ordnijiet u inkorriet telf ta' profitti kbir kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana minhabba l-inadempjenza kummercjali tas-socjeta' rikonvenuta ;

Premess ukoll li s-socjeta' rikonvenuta halliet il-merkanzija li kienet hadet biex tiddistriwibixxi fi stat mitluq u mhux merfugh tajjeb, tant li din il-merkanzija iddeterjorat u giet bla valur;

Premess li meta gie terminat il-ftehim bejn il-kontendenti, is-socjeta’ Paolo Bonnici Limited irritornat din il-merkanzija bil-hsara u bla valur u din kellha tigi distrutta u mormija kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Premess illi bl-agir abuziv, traskurat, nonkuranti u inadempjenti taghha, is-socjeta’ hawn rikonvenuta ikkagunat danni lis-socjeta’ istanti, u peress illi interpellata anki ufficjalment biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ dawn id-danni, is-socjeta’ tikonvenuta baqghet inadempjenti ;

Tghid is-socjeta’ rikonvenuta Paolo Bonnici Limited, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandux jigi minn din il-Qorti :-

1. Dikjarat u deciz illi bl-inadempjenza kuntrattwali kummercjali taghha li tesegwixxi in buona fede u b’mod effikaci il-ftehim kummercjali ta’ distrubuzzjoni tal-prodotti tas-socjeta’ istanti, is-socjeta’ Paolo Bonnici Limited hawn rikonvenuta, ikkagunat danni lis-socjeta’ istanti, li ghalihom hija responsabbli ;

2. Ghaliex dawn id-danni m’ghandhomx jigu likwidati minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi ; u

3. Ghaliex is-socjeta’ Paolo Bonnici Limited hawn rikonvenuta, m’ghandiex tigi kundannata li thallas lis-socjeta’ istanti, dawk id-danni li jigu hekk likwidati minn din il-Qorti, flimkien mall-imghax legali.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Novembru, 1999 u Lm5.75c tal-ittra legali tal-31 ta’ Mejju, 1999 u Lm 5.75c tal-ittra legali tat-18 ta’ Gunju, 1999, kontra is-socjeta’ rikonvenuta Paolo Bonnici Limited li tibqa’ ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ Delicatessen Products Limited a fol 10 tal-process

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba** tas-socjeta' konvenuta a fol 28 fejn eccepiet :

Illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta l-ftehim tad-distribuzzjoni gie terminat il-merkanzija giet ritornata u accettata fil-kundizzjoni tajba li kienet mis-socjeta' Delicatessen Products Limited minghajr l-ebda riservi . Il-prodotti dannaggjati kienu ftit u, fic-cirkostanzi negligibbli – kellhom valur ta' Lm4.71,5. Il-valur tal-merkanzija kollha kien 'il fuq minn sitt elef lira maltin (Lm6,000).

Mhux minnu li l-merkanzija ritornata kienet dannaggjata kif tippretendi s-socjeta' konvenuta.

Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Talbiet**

F'dina l-kawza s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' Lm6,223.54.5 bilanc minn somma akbar prezz ta' prodott ta' pasta li s-socjeta' attrici xtrat minghand is-socjeta' konvenuta u li kienet rritornat lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta qed tikkontesta dina t-talba billi qed tikkontendi li s-socjeta' attrici kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-ftehim kummercjali bejniethom u li l-merkanzija kienet giet ritornata fi stat hazin. Is-socjeta' konvenuta pprezentat kontrotalba ghal danni li hija allegatament sofriet, liema danni pero s-socjeta' attrici qed tikkontesta billi qed tikkontendi li meta l-merkanzija giet ritornata dina giet accettata minghajr ebda rizerva.

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dina l-kawza kienu li s-socjeta' attrici kienet ghamlet ftehim mas-socjeta' konvenuta fejn dina kellha timmanufattura l-pasta u s-socjeta' attrici tiddistribwixxi dina l-pasta lill hwienet differenti permezz tal-impjegati taghha. Din l-arrangament dam fis-sehh minn Jannar 1998 sa Gunju 1998 cjoe ghal sitt xhur u gie terminat fi ftehim reciproku meta kien evidenti li ma kienx irnexxa kummercjalment. Is-socjeta' konvenuta accettat li tiehu lura l-prodott li ma kienx gie mibjugh u thallas lura lis-socjeta' attrici l-ammont ta' flus li din kienet hallset ghalih. Meta s-socjeta' attrici insistiet ghal hlas ta' dana l-ammont u ghamet il-kawza prezenti, is-socjeta' konvenuta wiegbet li l-ammont miltub ma kienx dovut billi s-socjeta' attrici kienet naqset li zzomm mal ftehim.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Dwar it-talba attrici s-socjeta' konvenuta qed tikkontendi li s-somma mitluba mhux dovuta ghax s-socjeta' attrici kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' ftehim kummercjali li kien hemm bejn il-kontendenti dwar it-tqassim, distribuzzjoni u biegh tal-prodotti tas-socjeta' konvenuta.

### Terminiazzjoni reciproka

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Godfrey Ellul Sullivan li wara li l-ftehim jew *joint venture* bejn il-partijiet ma rnexxiex, il-konvenuti kienu accettaw li jiehdu lura l-prodotti ta' ghagin li klien ghadhom fil-pussess tas-socjeta attrici u jhallsu lura l-valur ta' dan skond il-kumdita' taghhom u bl-ebda pressjoni ta' xi zmien specifikat minn naha ta' l-atturi. Godfrey Ellul Sullivan xehed li dan kien ftehim pjuttost amikevoli ghalkemm din kienet daqqa ta' harta kbira ghas-socejta' konvenuta (ara fol 62). L-istess xehed Timothy Ellul Sullivan. Hu qal li hadu lura bi ftehim mas-sur Paul Bonnici l-prodotti kollha taghhom li kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta' attrici u ftehemu li meta jkun konvenjenti ghalihom jhallsuhom lura. Is-Sur Bonnici ma ghamel ebda pressjoni fuqhom ghal hlas u dana ghaliex iddispjacih hafna li ma kienx irnexxilu jmexxi l-prodotti taghhom kif weghdhom (ara fol 66). Izda ma gew biex ihallas imbaghad il-konvenuti baqghu ma hallsux.

Il-Qorti ma tarax li hawnhekk ghandha xi kwistjoni ta' xi inadempjenza da parti tas-socjeta' attrici, ghax il-konvenuti kienu accettaw li jiehdu lura l-prodott u anke li jhallsu ghalih meta ikun konvenjenti ghalihom.

**Inadempjenza**

Nonostante dina l-konkluzzjoni l-Qorti wara li semghet ix-xhieda prodotti u ezaminat id-dokumenti ezibiti hi tal-fehma li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw l-eccezzjoni taghhom li kien hemm xi inadempjenza da parti ta' l-atturi. Il-konvenuti qed jikkontendu li l-atturi kienu inadempjenti ghax kienu ipprometTewhom li se jziedulhom fis-*sales* jekk mhux jirdoppjawhom imma minflok dawn is-*sales* nizlu iktar minn qatt qabel. Il-konvenuti jsostnu li wara l-ewwel zewg ordnijiet l-atturi ma baqghux jaghmlu ordnijiet ohra u l-biegh naqas drastikament. L-atturi minn naha taghhom taw diversi ragunijiet ghaliex huma ma setghux ikomplu jahdmu mal-konvenuti b'dak l-arrangament. Alexander Arena, sales manager mas-socjeta' attrici xehed li hu kien personalment involut fin-negozjati li saru bejn il-partijiet. Kienu ftehemu li s-socjeta' attrici tixtri l-merkanzija minghad is-socjeta' konvenuta 'cost price'; tqassam il-prodotti inkluzi l-*free offers* a spejjez taghha u zzid medja ta' 28.3% fuq il-prezz. Is-socjeta' attrici kellha tkun '*the main distributor*' u s-socejta' konvenuta kellha tinforma lill-kljenti taghha b'dan.

In-negozju kien dam biss sitt xhur u ma kienx irnexxa billi skond Areana (1) il-figuri indikati mis-socjeta' konvenuta bhala *sales* annwali li kellha, ma kienux korretti. Il-konvenuti kienu indikaw li s-*sales* taghhom kienu Lm150,000 bil-*free offers* fuq kull prodott. (2) Is-socjeta' konvenuta ma baqghatx taghti offerti meta x-xoghol beda jitqassam mill-atturi mentri l-konvenuti baqghu jbieghu bl-offerti u b'hekk l-atturi ma setghux jikkompetu maghhom. Is-socjeta' attrici spiccat biex ma bieghetx il-parti l-kbira mill-konsenja billi l-hwienet ma riedux jixtru minghandha minghajr l-offerti ta' xi prodotti b'xejn. Dan gara wkoll fid-distribuzzjoni lis-Supermarkets fejn il-konvenuti bdew jaghtu *discounts* generuzi mentri huma ma setghux jaghtu

ebda offerti jew inkellha kellhom inaqqasu mill profit taghhom. (3) Is-socjeta' konvenuta baqghet taghmel *direct sales* u fir-riklami fl-istampa ma ndikatx li s-socjeta' attrici kienet is-*sole distributor* tal-prodotti taghha. Kellhom ukoll rapporti li l-konvenuti kienu qed jippruvaw ibieghu direttament minn wara darhom.

Illi mill-provi ma jirrizultax li kien hemm ftehim li l-atturi kellhom jirduppjaw is-*sales* tal-konvenuti imma l-ftehim kien dwar manifattura u distribuzzjoni u li "*We strive to achieve maximum sales and distribution*" (ara fol 12). Jidher li l-arrangament ma rnexxiex ghax il-konvenuti riedu jzommu certa klijentela li kellhom, u bil-*concessions*, *discounts* u offerti li l-konvenuti kienu qed jaghmlu u li l-atturi ma setghux jaghmlu, kien qed ikun hemm kompetizzjoni ma l-istess atturi, li ma setghux ibieghu l-prodott li huma kienu xtraw minghand l-istess konvenuti.

**Hsarat**

L-atturi jissottomettu li huma saru jafu biss mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-allegazzjoni taghhom li kien hemm xi hsarat fil-prodott li kien gie ritornat lilhom . Fil-fatt fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed ighidu li l-merkanzija konsenjata lura kienet kollha danneggjata tort tas-socjeta' attrici u kienet bla valur u kellha tigi distrutta.

Godfrey Ellul Sullivan ma jsemmi xejn dwar dawn il-hsarat la fix-xhieda tieghu u lanqas fl-ittra li kien baghat lill atturi . Fl-affidavit tieghu huwa jghid li kienu marru ma l-impjegati taghhom sabiex jiehdu lura l-prodotti u l-ghagin kollu taghhom. Hu kompla jghid: "Jiena imbaghad sirt naf minghand it-tifel Timothy illi l-prodott gie ritornat fi stat danneggjat" (Ara fol 62) Hu ma kkostata xejn di persona. Anke meta kiteb lill atturi, wara li dawn talbuh il-hlas tal-prodott ritornat, fl-ittra tieghu (ara fol 105) imkien ma jsemmi li m'ghandhomx ihallsu dak mitlub ghax il-prodott kien imhassar jew kien intrema u dana hames xhur wara li kien gie terminat
il-ftehim u hadu lura l-prodott.

Timothy Ellul Sullivan xehed li meta gabru lura l-prodott dan kien kwazi totalment danneggjat u 60% tal-prodott ma kienx fi stat li jista' jinbiegh fil-hwienet ghaliex kien mimli trab u nsetti. Huma kellhom igibu skip sabiex jehilsu mill-prodott ghaliex lanqas setghu jhalluh fl-imhazen taghhom billi kull min kien qed jigi in kuntatt mal-kaxxi kien qed jaqbdu il-hakk u kien hemm min anke kellu jmur ghand it-tabib. Huma kienu avzaw lis-socjeta' attrici li 60% tal-prodott kien danneggjat u li ma setghax jinbiegh izjed u li kellu jintrema. Is-socjeta' attrici tichad li hija qatt giet infurmata li l-konvenuti kienu se jiddisponu mill-prodott.

Illi mhux kontestat li minn meta l-atturi xtraw il-prodott minghand is-socjeta' konvenuta u meta regghu ritornaw il-prodott ghaddew ftit xhur biss u ghalhekk mhux verosimili li f'dan il-perjodu daqshekk qasir il-pasta giet fl-istat li ddeskrivewha l-konvenuti. Dan kien l-istess prodott li s-socjeta' konvenuta kienet ghadha kemm immanufatturat ghalihom ftit xhur biss qabel.

Is-socjeta' konvenuta tallega li hija rmiet kwazi l-prodott kollu u kien anke gie tas-Sanita'. Dwar dan ma ngabet ebda prova. Ix-xhieda li pproducew il-konvenuti la kienu jafu meta gie tas-Sanita', la meta rmew il-prodott u lanqas jekk tas-Sanita' kienux awtorizzaw jew iccertifikaw id-distruzzjoni tal-prodott. Ma giet ezibita ebda lista tal-prodott li ntrema u l-ammont.

Ghalkemm is-socjeta' konvenuta (Timothy Ellul Sullivan biss jghid hekk) tghid li hi infurmat lis-socjeta' attrici bil-hsarat u li kienet se tarmi l-prodott, is-socjeta' attrici ssostni li hija qatt ma giet infurmata u ma tezisti ebda korrispondenza f'dan is-sens. Kien mistenni mis-socjeta' konvenuta almenu li tinfurma lis-socjeta' attrici li kienet se tiddistruggi l-prodott biex almenu hija tkun tista taghmel il-verifiki taghha. Inoltre s-socjeta' konvenuta fl-ebda stadju ma intimat lill atturi li hija kienet se tiddepozita lura l-prodott ghax kien hazin. Jigi rilevat li l-konvenuti hadu lura l-prodott mhux f'okkazzjoni wahda, ghalhekk kieku sabu hsara fil-prodott li rtiraw l-ewwel darba, ma kienux ser jerghu jiehdu konsenja ohra lura ta' l-istess prodott

danneggjat. Huma hadu lura l-prodott u ffirmaw ghalih minghajr rizerva.

Is-socjeta’ konvenuta tikkontendi li wara li kien gie terminat il-ftehim mas-socjeta’ attrici dwar id-distribuzzjoni huwa minnufih regghu bdew jaghmlu d-distrubuzzjoni huma stess, u bieghu aktar minn kemm kienu bieghu meta kienu flimkien ma l-atturi. Il-Qorti thoss li dan mhux verosimili l-ewwelnett ghax skond l-istess konvenuti huma kienu bil-magni weqfin jistennew l-ordnijiet u t-tieni s-socjeta’ konvenuta fi kliema stess “kienet smantellat id-*distribution system* taghha u llicenzjat is-*salesmen* taghha”.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi fuq dana l-punt li s-socjeta’ konvenuta ma rnexxiliex tipprova li effetivament il-prodott li kienet hadet lura kien wiehed imhassar.

**Kontrotalba**

Kwantu ghall-kontrotalba s-socjeta’ konvenuta qed tallega li bl-inadempjenza kuntrattwali kummercjali tas-socjeta’ attrici li tesegwixxi in buona fede u b’mod effikaci il-ftehim kummercjali ta’ distrubuzzjoni tal-prodotti tas-socjeta’ istanti, is-socjeta’ attrici ikkagunat danni lis-socjeta’ konvenuta.

Illi l-Qorti diga ddecidiet li ma kien hemm ebda inadempjenza da parti tas-socjeta attrici, ghalhekk dina l-kontrotalba ghal dina r-raguni u ghar-ragunijiet l-ohra fuq imsemmija ma tistax tintlaqa. Inoltre l-konvenuti ma gabu l-ebda prova dwar id-danni li huma allegatament sofrew.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-kontrotalba taghhom
Tilqa’ t-talba attrici
Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti. Bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------